**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia dwar it-talba tal-Onor. Claudio Grech magħmula fis-Seduta 162 tas-6 ta' Novembru 2018 fir-rigward ta' rimarki magħmula mill-Onor. Glenn Bedingfield fis-seduti 156 u 158 tat-2 ta' Novembru 2018**

Is-Sedja qiegħda tagħmel referenza għal talba għal *ruling* magħmula mill-Onor. Claudio Grech fis-Seduta 162 tat-Tlieta filgħodu tas-6 ta' Novembru 2018 fir-rigward tar-rimarki li saru mill-Onor. Glenn Bedingfield fis-Seduti 156 u 158 tat-2 ta' Novembru 2018. Nikkwota:

> "**ONOR. CLAUDIO GRECH:** Sinjura President, nixtieq nitlob *ruling* mis-Sedja skont il-provvedimenti tal-Ordni Permanenti 60 ta' din il-Kamra. Din hija l-ewwel opportunità li għandi biex nagħmilha għax, kif taf is-Sedja, anke jien wasalt minn barra kmieni dalgħodu. Fis-Seduta Nru 156 ta' nhar il-Ġimgħa, l-Onor. Glenn Bedingfield qal, fost affarijiet oħra – u se nikkwota testwalment biex ma nkunx żbaljat – is-segwenti:
>
> > "U jekk qatt kellna konferma ta' din il-politika ġdida li bdiet tħaddan l-Oppożizzjoni, illum kellna l-konferma mix-*shadow minister for the family and social policy and the rights of children and the unborn*. Il-kelliem tal-politika soċjali tal-Partit Nazzjonalista, tal-Oppożizzjoni, illum qed jgħidilna fi kliemu li n-nies ta' kulur differenti, biex ma ngħidx suwed, huma xadini.",
>
> u rrefera għal intervista li kienet ixxandret fuq NET Television lejlet il-Ħamis filgħaxija li se nkun qed ngħaddi wkoll *link* tagħha lis-Sedja. Din l-intervista kienet *uploaded* ukoll fuq l-*internet* fl-10.00 p.m. u fil-11.00 p.m. Qed ngħid dan biex is-Sedja tkun tista' tikkonstata li, kieku ried, qabel ma ġie f'din il-Kamra u għamel dawk il-kummenti l-Onor. Bedingfield seta' u kellu l-fakultà kollha li jiċċekkja u jivverifika preċiżament u testwalment dak li jiena għidt. Wara li ġie ppubblikat dak l-artikolu li kkwota l-Onor. Bedingfield, jiena ppubblikajt żewġ stqarrijiet fejn, fl-ewwel lok, ikkjarifikajt li dak li kont qed nitkellem dwaru kien proprjament il-kondizzjonijiet inaċċettabbli li huma kostretti jgħixu fihom l-immigranti fl-*open centres*. Barra minn hekk, madanakollu, tlabt apoloġija għall-fatt li l-analoġija li jiena użajt setgħet tagħti lok għal miżinterpretazzjoni jekk il-kliem jinqala' 'l barra mill-kuntest ta' dak kollu li kont qed nispjega. Però *oltre* dan, fis-Seduta Nru 158 ta' nhar il-Ġimgħa filgħaxija, l-Onor. Bedingfield mhux talli ma rtirax dak li qal filgħodu, iżda kompla jżid u qal dan, fost ħafna affarijiet oħrajn:
>
> > "Qed nirreferi għad-dikjarazzjoni li għamel l-Onor. Claudio Grech li diġà tkellimt fuqha dalgħodu u anke poġġejt ir-rapport li kien hemm fil-midja tal-*MaltaToday* fuq il-Mejda tal-Kamra, dikjarazzjoni xokkanti u diżgustanti li tqabbel in-nies max-xadini sempliċement għax għandhom kulur tal-ġilda skura, kulur tal-ġilda differenti minn tagħna ...
> >
> > Dan huwa l-iktar kumment razzist li smajt minn politiku f'dawn l-aħħar snin. Ħadd qatt l-ebda politiku li niftakar jien ma qabbel persuni ta' kuluri differenti max-xadini.".
>
> Sinjura President, fl-aħħar tad-diskors tiegħi se nkun qed inqiegħed ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra *transcript* tal-parti sħiħa relevanti ta' dak il-programm li s-Sedja ovvjament tista' tivverifika kelma b'kelma mal-*link* tal-filmat fejn jien tkellimt dwar din il-materja, u bla ebda dubju s-Sedja se tkun tista' tikkonstata li mhux biss dak li għedt jien inqala'

kompletament 'il barra mill-kuntest li kien qed jingħad fih, iżda talli – u hawnhekk fejn norbot mal-Ordni Permanenti – ġie mmanipulat mill-Onor. Bedingfield biex jiġu attribwiti lili intenzjonijiet ħżiena, preċiżament kif jgħid l-Ordni Permanenti 60, u jiġi jinftiehem eżattament bil-maqlub."

L-Onor. Grech imbagħad qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-segwenti dokumenti:

Kopja tal-artiklu tal-Onor. Claudio Grech li deher taħt '*Talking point*' fuq il-ġurnal *The Times of Malta* tat-12 ta' Settembru 2017, intitolat "*Common-sense immigration policy*";

Kopja ta' żewġ stqarrijiet li l-Onor. Claudio Grech ippubblika fuq il-paġna politika tiegħu fit-2 ta' Novembru 2018; u

Traskrizzjoni tal-parti relevanti tal-intervista li l-Onor. Claudio Grech ta' fuq il-programm 10q fuq NET Television, il-Ħamis, 1 ta' Novembru 2018, flimkien mal-*link* tal-istess programm.

Fi tmiem l-intervent tal-Onor. Grech, id-Deputy Speaker talbitu jekk huwa kienx qed jitlob *ruling* jew kienx qed iressaq ksur ta' privileġġ, u l-Onor. Grech wieġeb li f'dan l-istadju kien qed jitlob *ruling* tas-Sedja.

Is-Sedja mbagħad rat dak li qal l-Onor. Bedingfield iktar tard matul l-istess Seduta tat-Tlieta filgħodu tas-6 ta' Novembru 2018 u nikkwota:

"**ONOR GLENN BEDINGFIELD:** ... Hawn irrid nieħu spunt minn dak li qal dalgħodu u attribwixxa lili affarijiet li ma kienu l-ebda intenzjoni tiegħi li nagħmilhom id-deputat tal-Oppożizzjoni l-Onor. Claudio Grech! Hu kkwota minn dak li għidt jien. Ikkwota fejn jaqbillu, bħalma għamel dikjarazzjonijiet kif jaqbillu meta bl-analoġija li ried jagħmel qabbel lin-nies ta' kulur differenti minn tagħna max-xadini! Jien ħadt konjizzjoni li l-Onor. Claudio Grech għamel apoloġija ... Ara din, ma qalhiex fit-talba li għamel! Ma qalx li jien ħadt konjizzjoni tal-apoloġija li għamel! Jien għidt ukoll li mhux biżżejjed! Analoġija kemm hija analoġija, li tqabbel in-nies max-xadini hija ħażina minnha nnifisha! Anke jekk ma ridtx tfisser li n-nies huma xadini! Però, li tqabbel, li tuża n-nies max-xadini għax ikollhom ġilda skura, għalija hija ħażina! Hu attribwixxa lili affarijiet – kif diġà għidt – li jien qatt ma kienet l-intenzjoni tiegħi li nattribwixxi jew li nimmanipula xi affarijiet, għax jien qgħadt fuq rapport ta' ġurnal, li poġġejtu fuq il-Mejda tal-Kamra, ikkwotajt minn dak il-ġurnal, ikkwotajt ukoll silta oħra, u din irridu narawha wkoll, li dak id-diskors qalu ... issa qal li qalu *out of context, ok,* imma qalu f'sensiela ta' dikjarazzjonijiet li l-kelliema tal-Oppożizzjoni, mill-Kap tal-Oppożizzjoni 'l isfel, qegħdin jagħmlu kontra l-barranin li jiġu jaħdmu u jgħixu f'Malta! Hu lanqas ma kkwota li jien ikkwotajt lill-*MaltaToday* tirraportah jgħid li n-nies ġol-Ħamrun huma imbeżżża' mill-barranin li hemm fit-toroq tal-Ħamrun! Jien mhux se noqgħod nitlob *ruling* dwar l-affarijiet li qal, talli kkwotani ħażin, talli pprova jattribwixxi lili affarijiet li qatt ma kienu l-intenzjoni li nagħmel. ....

Talab *ruling*. Fuq xiex? Fuq li jien jew xi membru tal-Kamra tad-Deputati ma nistgħux nesprimu opinjoni politika fuq dikjarazzjonijiet politiċi li għamlu n-naħa tal-Oppożizzjoni? Jien x'għamilt? Jien għamilt rassenja tal-fatti fuq persuna politika li għamel kumment politiku, moqżież kemm huwa moqżież, analoġija kemm hija analoġija, però li tqabbel lin-nies max-xadini għalija lanqas f'analoġija ma hija

aċċettabbli! Jekk ma nistgħux nitkellmu fuq id-dikjarazzjonijiet li jsiru mill-politiċi, mela allura x'niġu nagħmlu f'dan il-Parlament?! X'niġu nagħmlu hawn?! Biex noqgħodu nieħdu b'idejn xulxin, u noqgħodu ngħidu kemm naqblu ma' xulxin?"

Is-Sedja bdiet tikkonsidra l-materja mqajma mill-Onor. Claudio Grech billi rat it-traskrizzjoni taż-żewġ interventi tal-Onor. Bedingfield li l-Onor. Grech għamel referenza għalihom fit-talba tiegħu, u ċjoè dawk tas-seduti 156 u 158 tat-2 ta' Novembru 2018.

Is-Sedja rat l-intervent tal-Onor Bedingfield fis-Seduta 156, meta għamel referenza għal artikolu li deher fuq is-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt fit-2 ta' Novembru 2018 intitolat "*Nationalist MP's Freudian slip compares Marsa migrant centre to the 'Planet of the Apes'*" u li sussegwentement qiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra. Fl-intervent tiegħu l-Onor. Bedingfield qal hekk:

> "U ddisgustajt ruħi b'kumment li għadda, mhux soltu tiegħu, l-Onor. Claudio Grech fejn qabbel il-Marsa mal-pjaneta tax-xadini. Qed naqra minn rapport li nista' npoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra wkoll: *Nationalist MP's Freudian slip compares Marsa migrant centre to the "Planet of the Apes".* Se naqra minnu għaliex huwa diżgustanti li nqabblu nies ta' kulur differenti max-xadini. U x'qal meta kien qiegħed jitkellem fuq Net TV:
>
>> "*... he referred to the sight of African migrants at the Marsa open centre like somewhere from "the planet of the apes".*
>>
>> *"The Opposition argument is not an anti-immigrant one, the issue is how Malta will plan and create an environment for the integration of immigrants.*""
>
> Kieku tajba bil-paroli imma ħarbitlu "*planet of the apes*". Però mbagħad x'qal aktar tard? U dan insibuh ukoll rapportat fil-*MaltaToday*. Qal li fil-Ħamrun hemm ħafna nies li minn dak li qrajt hawnhekk, issa qed iqisuhom bħala xadini n-nies ta' kulur differenti u li n-nies qed jibżgħu joħorġu minn djarhom minħabba li fil-Ħamrun hemm nies ta' kulur differenti:
>
>> *"Grech warned that elderly people in Hamrun were scared to walk the streets at night "because of this situation"..."*
>
> U "*because of this situation*" qiegħda *within inverted commas* jiġifieri hija *quote* diretta minn dak li qal l-Onor. Claudio Grech. Huwa kompla hekk:
>
>> "… "*because of this situation" referring to migrants who are now residing in Hamrun property*".
>
> U jekk qatt kellna konferma ta' din il-politika ġdida li bdiet tħaddan l-Oppożizzjoni, illum kellna l-konferma mix-*shadow minister for the family and social policy and the rights of children and the unborn*. Il-kelliem tal-politika soċjali tal-Partit Nazzjonalista, tal-Oppożizzjoni, illum qed jgħidilna fi kliemu li n-nies ta' kulur differenti, biex ma ngħidx suwed, huma xadini."

Is-Sedja rat ukoll l-intervent li l-Onor. Bedingfield għamel fis-Seduta 158 tal-Ġimgħa filgħaxija tat-2 ta' Novembru 2018 u nikkwota:

“**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** ... Illum, apparti din li għadni kemm tkellimt dwarha, dan is-suġġett, kien hawn dikjarazzjoni xokkanti oħra minn naħa ta’ Membru tal-Oppożizzjoni. Qed nirreferi għad-dikjarazzjoni li għamel l-Onor. Claudio Grech li diġà tkellimt fuqha dalgħodu u anke poġġejt ir-rapport li kien hemm fil-midja tal-*MaltaToday* fuq il-Mejda tal-Kamra, dikjarazzjoni xokkanti u diżgustanti li tqabbel in-nies max-xadini sempliċement għax għandhom kulur tal-ġilda skura, kulur tal-ġilda differenti minn tagħna. Jekk ma tridx, dan huwa x-*shadow minister* tal-familja u tal-politika soċjali li għada pitgħada jista’ jkun qiegħed jieħu ħsieb dan is-settur.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Ippermettili, Onor. Bedingfield. L-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Sinjura President, bil-permess tal-kollega, irridu nkunu ġusti mal-Onor. Claudio Grech li skuża ruħu fuq din il-ħaġa.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Kont se nasal għaliha.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Imma inti qed iddum wisq biex tasal għaliha. Allura aħna rridu nħaffuk biex tgħidha malajr! Ċerti drabi wieħed jgħid … Is-sitwazzjoni hija ċċarata.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Fil-fatt, dak li kont se ngħid jien, ippreċedejtni però mhux apoloġija, kont nistenniek li tikkundanna. Kont nistenna lill-Partit Nazzjonalista li jikkundanna dak id-diskors. Dak huwa l-aktar kumment razzist li smajt minn politiku f’dawn l-aħħar snin. Ħadd qatt, l-ebda politiku li niftakar jien ma qabbel persuni ta’ kulur differenti max-xadini. Imbagħad nagħmlu apoloġija u jgħaddi kollox! Dak kien ħaqqu kudanna mill-Partit Nazzjonalista u kien ħaqqu li l-Partit Nazzjonalista jiddisassoċja ruħu ma’ dak il-kumment. Kummenti li ma naħsibx li jirriflettu kif jaħsibha l-pajjiż. Mela le, hawn elementi razzisti. Hawn elementi li huma kontra n-nies barranin u, sfortunatament, illum għandna Oppożizzjoni li qed tkompli tiffumenta dan id-dibattitu kontra persuni barranin li dawn qegħdin jiġu Malta għax qed jaraw f’pajjiżna art tal-opportunitajiet. Qegħdin jiġu hawnhekk biex isibu xogħol li ħafna minnhom, kif kelli diġà l-okkażjoni li ngħid, huma xogħlijiet li ħafna mill-Maltin ma jridux jagħmluhom.”

Fil-konsiderazzjoni tagħha s-Sedja rat l-Ordni Permanenti 60, li abbażi tiegħu saret it-talba għal dan ir-*ruling* mill-Onor Claudio Grech, u ser nikkwotah:

“**60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b’riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.”

Is-Sedja rreferiet ukoll għal dak li jgħid l-Erskine May *Parliamentary Practice* (24 edizzjoni) f’paġna 444 u nikkwota:

*“Good temper and moderation are the characteristics of parliamentary language. Parliamentary language is never more desirable than when a Member is canvassing the opinions and conduct of his opponents in debate.”*

Għamlet ukoll referenza għal *rulings* preċedenti, senjatament dak mogħti riċentement fis-Seduta 144 tal-15 ta' Ottubru 2018 fejn ġie kkonsidrat x'jista' jiġi meqjus bħala kumment politiku u liema kliem jista' jitqies bħala li jmur kontra l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, u nikkwota parti minn dan ir-*ruling*:

> "Is-Sedja tinnota li spiss id-distinzjoni bejn jekk kliem li jkun ingħad għandux jitqies bħala attribuzzjoni ta' intenzjoni ħażina jew kumment politiku ma tkunx waħda ċara. Dan kien ħareġ ukoll b'mod ċar f'*ruling* mogħti mill-Ispeaker Myriam Spiteri Debono fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 1997, u ser nikkwota:
>
> > "Is-Sedja tirrikonoxxi li f'ħafna stanzi jeżisti fil irqiq ħafna bejn x'jista' jikkostitwixxi ksur ta' privileġġ u kliem li jiġi kkwalifikat bħala kumment politiku. Sabiex tasal għall-ġudizzju tagħha, is-Sedja trid dejjem iżżomm quddiem għajnejha li l-privileġġi li kull Membru għandu f'din il-Kamra għandhom jitqiesu fl-ambitu tal-privileġġi tal-Kamra kollha. Is-suġġett tal-iskambju tal kliem li nqala' ... kien jirriferi għal inċident li seħħ sitt xhur ilu, inċident li tista' tgħid wasal biex jiddominana tul dawn l-aħħar sitt xhur, inċident li kważi sar *issue* politiku fih innifsu, li r-reazzjonijiet għalih affettwaw ix-xogħol ta' din il Kamra u l-interpretazzjoni differenti minn kull naħa tal-Kamra ta' x'ġara kienet il-bażi ta' nuqqas ta' qbil u kummenti kemm-il darba f'din il-Kamra, fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal Kamra u anke f'fora 'l barra minn din il Kamra. Għaldaqstant kieku dak li ġara ... kellu jittieħed iżolatament waħdu b'mod skjett, seta' jagħti l-każ li jikkwalifika ta' offiża li setgħet tersaq għal ksur ta' privileġġ, iżda fid-dawl ta' dak kollu li ġara ... minn meta nqala' l-inċident sal-lum is-Sedja jidhrilha li dak li okkorra ... kien każ ta' *political bickering*, dak li fil-House of Commons jissejjaħ '*general political abuse*,' *ping pong* politiku."
>
> Filwaqt li s-Sedja tiddikjara li l-argumenti magħmula mill-Onor. Simon Busuttil fil-konfront tal-Onor. Prim Ministru fil-parti l-kbira tagħhom jesprimu opinjoni tiegħu personali - li xorta tista' tkun meqjusa bħala oġġezzjonabbli - min-naħa l-oħra ma jistax Membru jkollu l-libertà li saħansitra jakkuża b'fatti li ma jirriżultawx, u li jpoġġu lil xi Membru ta' din il-Kamra, f'dan il-każ il-Prim Ministru, f'dawl li saħansitra huwa kkommetta reat."

Is-Sedja rat ukoll li l-artikolu li għamel referenza għalih l-Onor. Glenn Bedingfield fuq is-sit elettroniku [www.maltatoday.com.mt](www.maltatoday.com.mt) kif ippubblikat fit-2 ta' Novembru 2018, u tinnota li t-titolu "*Nationalist MP's Freudian slip compares Marsa migrant centre to the 'Planet of the Apes'*" jista' jinftiehem fil-kuntest li tkellem dwaru l-Onor. Bedingfield. Però, tinnota wkoll li l-istess artikolu qiegħed jikkwota lill-Onor. Grech li fil-programm qal dan il-kliem:

> *"The Opposition argument is not an anti-immigrant one, the issue is how Malta will plan and create an environment for the integration of immigrants.*""

liema kliem ġie kkwotat ukoll mill-Onor. Bedingfield fis-Seduta 156 tat-2 ta' Novembru 2018.

Is-Sedja tinnota wkoll li fl-istess artikolu li saret referenza għalih mill-Onor. Bedingfield, insibu dan li ġej:

> "*Immigration can get a lot of social problems," Grech said, turning to Marsa and Ħamrun, the two towns closest to the Marsa open centre and which are hosting a growing community of asylum seekers from African countries and entrepreneurial migrants."*
>
> *"It's not because of the colour of the skin. The problem is that you have a large amount of people doing nothing the whole day, who after leaving their country's hell, are now living an idle life or sleeping rough at night or in places not even for an animal ... you can understand why they turn to drink or become anti-social.*
>
> *"To have a Government that does not recognise this in the Budget, nor allocate any Finance ... You go to the Marsa open centre ... you'd think you're on the Planet of the Apes!" Grech said in what was an unfortunate reference to the down-and-out area usually populated by migrants waiting for pick-up jobs on the Marsa thoroughfare.*"

Is-Sedja rat ukoll l-ewwel stqarrija maħruġa mill-Onor. Grech fit-2 ta' Novembru 2018 fit-8.36 ta' filgħodu, liema stqarrija tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra mill-istess Onor. Grech, u nikkwota minnha:

> "*Most probably the living conditions set out in the Planet of the Apes were even better than those in which both residents and migrants alike in Marsa and Hamrun are living in.*"

Is-Sedja rat ukoll it-tieni stqarrija ppubblikata mill-Onor. Claudio Grech fit-2 ta' Novembru 2018 fid-9.57 ta' filgħodu, liema dikjarazzjoni tqiegħdet ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Onor. Grech, u nikkwota wkoll parti minnha:

> "*I unreservedly apologise for the unfortunate use of words which might have led to misinterpretation and, in the process, possibly offended people, in view of it being taken out of context, given that on air it could have been contextualised fully.*"

Wara li rat u qieset dan kollu is-Sedja tixtieq tgħaddi dawn l-osservazzjonijiet.

Is-Sedja tibda billi tosserva li għalkemm l-Onor. Bedingfield irrikonoxxa l-apoloġija pubblikata f'żewġ stqarrijiet mill-Onor. Grech fit-2 ta' Novembru 2018, xorta waħda għażel li jikkummenta u jagħmel enfasi b'mod ripetut fuq dak li deher fit-titolu tal-artikolu hawn fuq ċitat, b'tali mod li ddeskriva l-kliem li ntqal mill-Onor. Grech bħala degradanti lejn nies ta' karnaġġjon differenti. Is-Sedja tinnota li l-Onor. Bedingfield għamel din l-enfasi minkejja li l-istess artiklu tal-*MaltaToday* jikkwota lill-Onor. Grech jgħid li:

> "*The Opposition argument is not an anti-immgrant one, the issue is how Malta will plan and create an environment for integration of immigrants.*"

Madankollu s-Sedja tinnota li fl-intervent tiegħu fis-Seduta 162 tas-6 ta' Novembru 2018, l-Onor. Bedingfield qal li jirrikonoxxi l-apoloġija tal-Onor. Grech, u żied li ma kellu l-ebda intenzjoni li jattribwixxilu xi motivi ulterjuri.

It-tieni osservazzjoni li tixtieq tagħmel is-Sedja hija li għalkemm tirrikonoxxi li l-Onor. Grech spjega l-pożizzjoni tiegħu ripetutament, kemm fl-istqarrijiet li huwa ppubblika kif ukoll fil-Kamra, u ċjoè li huwa kien qed jattribwixxi l-kliem "*planet of the apes*"

għall-kundizzjonijiet li jgħixu fihom ir-residenti u l-immigranti li jgħixu qrib l-*open centres* tal-Marsa, is-Sedja tara li l-użu ta' dan l-istess kliem fil-kuntest tal-materja li kienet qed tiġi ttrattata kien wieħed infeliċi kif ukoll sfortunat u dan kif fil-fatt jintqal kemm fl-artikolu li għamel referenza għalih l-Onor. Bedingfield, kemm fit-tieni dikjarazzjoni tal-Onor. Claudio Grech, kif ukoll meta l-Onor. Grech għamel it-talba għal dan ir-*ruling*.

Is-Sedja tħeġġeġ lill-Membri kollha ta' din il-Kamra sabiex meta jagħmlu l-kritika politika tal-kollegi tagħhom – kemm f'din il-Kamra u anke barra – ikunu ġusti, billi dejjem jaraw li jieħdu konjizzjoni tal-fatti kollha u mhux biss joqogħdu fuq kif setgħu ġew rrapportati jew interpretati dawn il-fatti minn terzi persuni.

Għaldaqstant, is-Sedja se titlob lill-Onor. Bedingfield sabiex fid-dawl tal-interventi tiegħu fejn huwa stess qal li ħa konjizzjoni tal-kjarifika li għamel l-Onor. Claudio Grech, jagħmel kjarifika issa min-naħa tiegħu li huwa ma riedx jimputa li l-Onor. Grech kellu l-intenzjoni li juri xi disprezz fil-konfront ta' persuni b'karnaġġjon differenti.

Is-Sedja allura tara li l-kwestjoni mqajma mill-Onor. Grech tieqaf hemm għaliex ma tinkwadrax taħt l-Ordni Permanenti 60, u qed tqis li r-rimarki tal-Onor. Bedingfield fid-dawl tal-kjarifiċi li saru, jikkostitwixxu dak li aktar 'l fuq ġie deskritt bħala kumment politiku (political bickering), u allura qed tqis li dan ir-*ruling* li qiegħda tagħti għandu jkun suffiċjenti bħala rimedju fih innifsu.

Is-Sedja se terġa' tagħmel l-appell li għamlet kemm-il darba fir-rigward tal-importanza li l-Membri Kamra għandhom dejjem juru l-akbar rispett fil-konfront ta' xulxin anke fl-interventi tagħhom għaliex b'dan il-mod ikun qed juru rispett lejn l-istituzzjoni tal-Parlament.